



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.4.2013
COM(2013) 186 final

2013/0098 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-
Nomenklatura tat-Tariffa u l-Istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

L-għan ta' dan l-abbozz ta' Regolament tal-Kunsill huwa li jipprovdi, fuq bażi awtonoma, trattament mingħajr dazju għal displays b'pannelli ċatti li jistgħu juru sinjali minn magni awtomatiċi tal-ipproċessar tad-dejta (ADP) b'livell aċċettabbli ta' funzjonalità. Din l-espressjoni tirreferi għal displays b'pannelli ċatti li, anke jekk huma mhumiex użati biss jew prinċipalment f'sistema ADP, jistgħu juru sinjali minn magni ADP b'standard suffiċjenti ta' prestazzjoni għal min jużahom.

Is-subintestatura 8528 51 tas-Sistema Armonizzata (HS) tinkludi monitors "ta' tip unikament jew prinċipalment użat f'sistema ADP tal-intestatura 8471". Ir-rata tad-dazju konvenzjonali għal dawn il-monitors tkun "b'xejn". Monitors "minbarra dawk tat-tip użat biss jew prinċipalment f'sistema awtomatika għall-ipproċessar ta' dejta tal-intestatura 8471" huma kklassifikati taħt is-subintestatura HS 8528 59. Ir-rata tad-dazju konvenzjonali għal dan it-tieni tip ta' monitors hija "14%".

Fis-sentenza tagħha fil-Kawża C-376/07 (Kamino), il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddikjarat li l-klassifikazzjoni ta' monitors għandha ssir fid-dawl tal-karatteristiċi u l-proprietajiet oġġettivi ta' dawk il-monitors, kemm bħala l-grad ta' kemm huma kapaċi jwettqu għadd ta' funzjonijiet kif ukoll għall-istandard ta' prestazzjoni li huma jiksbu meta jkun qed iwettqu dawk il-funzjonijiet.

Il-konverġenza tat-teknoloġiji diġitali madankollu wasslet għal sitwazzjoni fejn sar diffiċli ħafna biex jiġi determinat, b'referenza għal karatteristiċi tekniċi sempliċi u oġġettivi, jekk monitor partikolari huwiex jew le tip unikament jew prinċipalment użat f'sistema ADP tal-intestatura 8471. B'mod partikolari, l-iżgurar tal-klassifikazzjoni korretta u uniformi ta' displays b'pannelli ċatti li jistgħu juru, b'livell aċċettabbli ta' funzjonalità, sinjali kemm minn sistemi ADP kif ukoll minn sorsi oħra (pereżempju, plejers tad-DVD, kameras bil-vidjow, riċevituri tas-satellita), sar teknikament impossibbli.

Bħalissa, parti sinifikanti tal-monitors importati lejn l-UE huma displays b'pannelli ċatti li jistgħu juru, b'livell aċċettabbli ta' funzjonalità, sinjali kemm minn sistemi ADP kif ukoll minn sorsi oħra. Dan japplika b'mod partikolari għal dawk li huma l-aktar tipi professjonali li jintużaw f'setturi speċjalizzati (bħal f'dijanjożi jew riċerka). Sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp razzjonali tal-produzzjoni u l-espansjoni tal-konsum fi ħdan it-territorju tal-UE u tal-promozzjoni tal-kummerċ bejn Stati Membri u pajjiżi terzi, huwa fl-interess kemm tal-konsumaturi Ewropej kif ukoll tal-industrija li jiġi pprovdut trattament mingħajr dazju għall-monitors imsemmija hawn fuq.

Il-proposta mehmuża hija meqjusa approċċ bilanċjat li jqis il-kuntest legali u l-interessi tal-konsumaturi u tal-industrija Ewropej.

Il-proposta hija konformi mal-politiki tal-kummerċ estern u tal-industrija tal-Unjoni.

Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, huwa propost li jiġi emendat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 kif xieraq.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

It-Taqsima dwar in-Nomenklatura tat-Tariffa u l-Istatistika tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali kienet ikkonsultata fid-27 ta' Settembru 2012.

L-industrija tal-Unjoni kienet ikkonsultata fit-13 ta' Novembru 2012.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Il-bażi legali ta' din il-proposta hija l-Artikoli 31 u 32 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-prinċipju ta' sussidjarjetà ma japplikax, peress li l-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

Kif previst mit-Trattat, il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità minħabba li tteġġeg il-kummerċ bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi u tibbilanċja l-interess kummerċjali tal-operaraturi ekonomiċi (manifatturi fl-Unjoni u importaturi) mingħajr ma tiddel l-iskeda tal-UE u d-WTO.

Bis-saħħa tal-Artikolu 31 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-rata tat-tariffa awtonoma hija stabbilita mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq il-bażi ta' proposta min-naħa tal-Kummissjoni.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Telf ta' dħul f'Riżorsi Proprji Tradizzjonali fil-medda ta' EUR 20.5 miljun fuq bażi annwali (ibbażata fuq l-istatistika tal-importazzjoni tal-2011).

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-Nomenklatura tat-Tariffa u l-Istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Is-subintestatura HS 8528 51 tinkludi monitors, għajr monitors b'tubu katodiku (CRT), ta' tip li jintuża biss jew prinċipalment f'sistema awtomatika għal ipproċessar ta' dejta tal-intestatura 8471. Monitors minbarra dawk tat-tip użati biss jew prinċipalment f'sistema awtomatika għall-ipproċessar ta' dejta tal-intestatura 8471 huma kklassifikati taħt is-subintestatura HS 8528 59.
- (2) Skont il-każistika ta' kawżi maqtugħa tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea¹, il-klassifikazzjoni ta' monitors jew taħt HS subintestatura 8528 51 jew 8528 59 għandha tkun ibbażata fuq evalwazzjoni kumplessiva tal-karatteristiċi u l-proprjetajiet oġġettivi ta' kull monitor partikolari.
- (3) Minħabba l-konverġenza tat-teknoloġiji diġitali sar diffiċli ħafna biex jiġi determinat, b'referenza għal sempliċement karatteristiċi tekniċi, jekk monitor partikolari huwiex ta' tip użat biss jew prinċipalment f'sistema awtomatika għal ipproċessar ta' dejta tal-intestatura 8471. B' mod partikolari, l-iżgurar li l-klassifikazzjoni korretta u uniformi ta' displays b'pannelli ċatti li jistgħu juru, b'livell aċċettabbli ta' funzjonalità, sinjali kemm minn sistemi awtomatiċi għall-ipproċessar tad-dejta kif ukoll minn sorsi oħra sar teknikament impossibbli.
- (4) Sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp razzjonali tal-produzzjoni u l-espansjoni tal-konsum fi ħdan it-territorju tal-Unjoni u jiġi promoss il-kummerċ bejn Stati Membri u pajjiżi terzi, huwa fl-interess kemm tal-konsumaturi kif ukoll tal-industrija tal-Unjoni li tingħata eżenzjoni mid-dazju għal monitors imsemmija hawn fuq.
- (5) L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 2658/87 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

¹ Każ C-376/07 *Kamino* [2009] Ġabra I-1167.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-Anness I għar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
2. L-emendi għas-subintestaturi NM previsti f'dan ir-Regolament għandhom ikunu applikabbli bħala subintestaturi TARIC sakemm jiġu mdaħħla fin-Nomenklatura Magħquda skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-1 ta' Ġunju 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNEX

Fit-Tieni Parti, Taqsima XVI, Kapitolu 85 tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 ir-ringieli għall-kodiċi NM 8528 59, 8528 59 10, 8528 59 40 u 8528 59 80 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"8528 59	-- Oħrajn:		
	-- -- Displays b'Pannelli Ċatti li jistgħu juru sinjali minn magni awtomatiċi għall-ipproċessar tad-dejta b'livell aċċettabbli ta' funzjonalità:		
8528 59 20 ⁽¹⁾	---- Monokrom	14 ⁽⁵⁾	p/st
	---- Kulur:		
8528 59 31 ⁽²⁾	----- Bi skrin b'teknoloġija tal-kristalli likwidi (LCD)	14 ⁽⁵⁾	p/st
8528 59 39 ⁽³⁾	----- Oħrajn	14 ⁽⁵⁾	p/st
8528 59 70 ⁽⁴⁾	--- Oħrajn	14	p/st.

- (1) Kodiċi TARIC 8528 59 10 20
- (2) Kodiċi TARIC 8528 59 40 91
- (3) Kodiċi TARIC 8528 59 80 91
- (4) Kodiċi TARIC 8528 59 10 90, 8528 59 40 99 u 8528 59 80 99
- (5) Rata awtonoma ta' dazju: B'xejn

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Ir-Regolament tal-Kunsill li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-Nomenklatura tat-Tariffa u l-Istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni

1.2. Natura tal-proposta/inizjattiva

Tipprovdi eżenzjoni awtonoma minn dazji għal ċerti prodotti industrijali li jaqgħu taħt l-intestatura 8528 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-Nomenklatura tat-Tariffa u l-Istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana.

1.3. Għan

Li jipprovdi, fuq bażi awtonoma, trattament mingħajr dazju għal displays b'pannellii ċatti li jistgħu juru sinjali minn magni awtomatiċi tal-ipproċessar tad-dejta (ADP) b'livell aċċettabbli ta' funzjonalità. Din l-espressjoni tirreferi għal displays b'pannellii ċatti li, anke jekk mhumiex użati biss jew prinċipalment f'sistema ADP, huma kapaċi juru sinjali minn magni ADP b'standard suffiċjenti ta' prestazzjoni għal min jużahom.

1.4. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

Il-konverġenza tat-teknoloġiji diġitali wasslet għal sitwazzjoni fejn sar diffiċli ħafna biex jiġi determinat, b'referenza għal sempliċement karatteristiċi tekniċi u oġġettivi, jekk monitor partikolari huwiex ta' tip unikament jew prinċipalment użat f'sistema ADP tal-intestatura 8471. B'mod partikolari, l-iżgurar tal-klassifikazzjoni korretta u uniformi ta' displays b'pannellii ċatti li jistgħu juru, b'livell aċċettabbli ta' funzjonalità, sinjali kemm minn sistemi ADP kif ukoll sorsi oħra (pereżempju, plejers tad-DVD, kameras bil-vidjow, riċevituri tas-satellita), sar teknikament impossibbli.

Atwallment, parti sinifikanti tal-monitors importati lejn l-UE huma displays b'pannellii ċatti li jistgħu juru, b'livell aċċettabbli ta' funzjonalità, sinjali kemm minn sistemi ADP kif ukoll minn sorsi oħra. Dan japplika b'mod partikolari għal dawk li huma l-aktar tipi professjonali li jintużaw f'setturi speċjalizzati (bħal f'dijanjożi jew riċerka). Sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp razzjonali tal-produzzjoni u l-espansjoni tal-konsum fi ħdan it-territorju tal-UE u biex jiġi promoss il-kummerċ bejn Stati Membri u pajjiżi terzi, huwa fl-interess kemm tal-konsumaturi kif ukoll tal-industrija Ewropej li jingħata trattament mingħajr dazju għal monitors imsemmija hawn fuq.

1.5. It-tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju

Tul ta' żmien: proposta ta' tul ta' żmien mhux limitat.

Impatt finanzjarju: it-telf ta' dħul f'Riżorsi Proprji Tradizzjonali huwa fil-medda ta' EUR 20.5 miljun fuq bażi annwali (ibbażata fuq l-istatistika tal-importazzjoni tal-2011).

1.6. Metodu/i ta' mmaniġġjar previst(i)

Applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-monitoraġġ, il-kontroll u l-immaniġġjar tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

2. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA

IMPATT STMAT FUQ ID-DĦUL

- Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- x Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - x fuq ir-riżorsi proprji
 - fuq dħul mixxellanju

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

Linja tad-dħul tal-baġit:	Approprijazzjonijiet disponibbli għas-sena baġitarja attwali	Impatt tal-proposta / inizjattiva ²	
		Sena: N	Sena: N+1
Artikolu 120	/	8 xhur x EUR 20.5 M 12-il xahar	EUR 20.5 M

Il-proposta hija ta' tul ta' żmien illimitat.

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

Il-kalkolu tat-telf ta' dħul f'riżorsi proprji tradizzjonali huwa bbażat fuq il-valur tal-importazzjonijiet fl-UE matul is-sena 2011 ta' prodotti taħt il-kodiċi TARIC 8528 59 10 90, 8528 59 40 90 u 8528 89 80 90. Iċ-ċifri ġew ipprovduti mill-Eurostat.

L-ewwel nett, il-valur totali tal-importazzjonijiet tal-monitors bil-kodiċijiet TARIC 8528 59 10 90, 8528 59 40 90 u 8528 89 80 90 matul is-sena ta' referenza 2011 ġie mmultiplikat b'rata ta' dazju *ad valorem* (14%).

It-tieni, l-ammont tal-ispejjeż tal-ġbir (25%) ġie mnaqqas sabiex jinkiseb id-dħul totali tar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali għall-UE għas-sena 2011.

Ir-riżultat ta' dan il-kalkolu huwa kif ġej:

² Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 25% għall-ispejjeż tal-ġbir.

- (kodiċi TARIC 8528 59 10 90): $(\text{EUR } 10\,891\,640 \times 14\%) \times 75\% = \text{EUR } 1\,143\,622,20$

- (kodiċi TARIC 8528 59 40 90): $(\text{EUR } 233\,167\,690 \times 14\%) \times 75\% = \text{EUR } 24\,482\,607,45$

- Kodiċi TARIC 8528 89 80 90: l-ebda kummerċ fl-2011

Bl-adozzjoni ta' dan l-abbozz ta' proposta mhux il-prodotti kollha li huma kklassifikati taħt dawn il-kodiċi TARIC ser igawdu trattament mingħajr dazju. Il-miżura hija applikabbli biss għal ċerti monitors (“displays b’pannelli ċatti li jistgħu juru sinjali minn magni awtomatiċi għall-ipproċessar tad-dejta b’livell aċċettabbli ta’ funzjonalità”).

Meta jitqies l-ambitu maħsub tal-miżura u n-natura tal-prodotti disponibbli fis-suq tal-UE, jista’ jiġi stmat li mill-inqas 80% tal-prodotti li huma attwalment importati taħt il-kodiċijiet TARIC imsemmija se jaqgħu fl-ambitu ta’ din id-definizzjoni.

It-telf totali stmat fid-dħul f’Riżorsi Proprji Tradizzjonali fuq bażi annwali għandu għalhekk jiġi kkalkulat kif ġej:

$(\text{€ } 1\,143\,622,20 + \text{€ } 24\,482\,607,45) \times 80\% = \text{€ } 20\,500\,983,72$

Għas-sena li fiha l-proposta se tidħol fis-seħħ l-impatt finanzjarju għandu jiġi kkalkolat proporzjonatament.

It-telf ta’ dħul f’Riżorsi Proprji Tradizzjonali għandu jiġi kkompensat mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri abbażi tal-ING.